Qorti Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Att ta' Akkuza Nru. 6/2015

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Joseph Xuereb

Illum 13 ta' Ottubru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza Nru. 6 tas-sena 2015, migjuba fil-konfront tal-akkuzat Joseph Xuereb detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 105963M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel u l-uniku kap ippremetta illi:

Illi fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) il-pulizija rċevew rapport dwar *snatch and grab* li kienet seħħet fuq Maria Carmela Zarb, mara anzjana ta' tmenin sena (80) ġewwa triq Parisio, Sliema għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (9:30am). Irriżulta wkoll illi min kien ikkometta dan id-dellitt kien daħal ġewwa vettura tal-għamla Peugeot 405 ta lewn blu bin-numru ta' reġistrazzjoni IAT681 fuq in-naħa tal-passiġier, li fi żmien l-inċident in kwistjoni kienet tappartjeni lil Joseph Xuereb qua l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Illi mill-investigazzjonijiet ulterjuri li seħħew irriżulta li waqt li Maria Carmela Zarb kienet fi triqtha lura id-dar tagħha mix-xirja u partikolarment meta kienet qed tiftaħ il-bieb ta' barra tar-residenza tagħha, semgħet raġel maskili javviċinha fejn saqsiha

mistoqsija u hekk kif dawret wiċċha dan ir-raġel ħatfilha ġiżirana tad-deheb b'salib tad-deheb imdendel m'għonqha u telaq jiġri minn fuq il-post. Fortunatament il-vittma Zarb ma subiet l-ebda ġrieħi minn din l-aggressjoni. Irriżulta li din il-ġizirana kienet tiswa l-fuq minn mitejn, tnejn u tletin Euro punt erbgħa u disgħin ċentezmu (€232.94).

Illi fl-istess data tal-ewwel incident u ċioe` fil-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), waqt li l-pulizija kienu qegħdin jinvestigaw il-każ ta' Maria Carmela Zarb u qabel ma ġie mitkellem l-akkużat Joseph Xuereb, ġiet irrapurtata serqa oħra liema serqa allegatament seħħet għall-ħabta ta' ħdax nieqes għoxrin ta' filgħodu ġewwa Triq Sir Hilderbrand Oakes, Gżira fuq il-persuna ta' Maria Abela, wkoll mara anzjana ta' tnejn u tmenin sena (82), fejn il-modus operandi ta' din is-serqa kienet tixbaħ ħafna dik kommessa fuq il-persuna ta' Maria Carmela Zarb.

Illi mill-investigazzjonijiet rigward dak irrapurtat irriżulta illi waqt li Maria Abela kienet qed tiftaħ il-bieb prinċipali tar-residenza tagħha ġiet avviċinata minn persuna maskili li messilha spallejha u kif dahret dan l-individwu ħatfilħa l-ġiżirana li kienet liebsa u telaq jiġri. Ingħatat deskrizzjoni tal-persuna li avviċinat lill-vittma fejn dan irriżulta li kellu madwar ħamsa u erbgħin sena, ta' karnaġġon samrani, xahru mqaxxra u li kien liebes qalziet tat-tip *bermuda* u top tat-tip *singlet*. Irriżulta wkoll minn stħarriġ li sar mill-pulizija li d-deskrizzjoni ta' dan l-aggressur kienet tixbaħ dik tal-persuna li kienet avviċinat lil Maria Carmela Zarb u li sussegwentement kien ħarab minn fuq il-post flimkien mal-akkużat li kien qed isuq il-vettura tiegħu. Anki f'dan il-każ il-ġiżirana misruqa kienet tiswa l-fuq minn mitejn tnejn u tletin Euro punt erbgħa u desgħin ċentezmu (€232.94).

Illi ftit ġranet wara dawn iż-żewġ serqiet senjatament fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u dejjem qabel ma ġie mitkellem l-akkużat Xuereb, il-pulizija rċevew rapport ieħor mingħand Helen Vella, mara anzjana ta' tmienja u sebgħin sena (78), li rrapurtat li kienet għada kif sfat vittma ta' serqa ta' ġiżirana minn fuq il-persuna tagħha. Hi filfatt spjegat illi waqt li kienet quddiem ir-residenza ta' bintha għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu fi Triq Lorenza Gonzi,

Ħal-Tarxien, ġiet avviċinata minn persuna maskili deskrit bħala raġel fartas, ta' tul medju, kemmxejn imbaċċaċ u bi tpinġija f'idejħ u liebes flokk ċar, liema raġel kellimha u kif dahret lejħ peress li ma fhemitx x'kien qalilha dan l-individwu ġibdilha l-ġiżirana tad-deheb li kienet liebsa u mal-ġibda hi waqghet fuq il-bankina filwaqt li dan id-delinkwent telaq jiġri minn fuq il-post. Illi kaġun ta' din il-waqa' il-vittma Helen Vella ġiet ċertifikata li soffriet feriti ta' natura gravi f'idejha tant li kellha tiġi operata fejn din il-ferita kkaġunat debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' idejha, jew ġabet difett permanenti fl-istess id.

Irriżulta li għal darb'oħra l-modus operandi adoperat għal din is-serqa kienet tixbaħ ħafna dik utlizzata fis-serqiet precedent bid-differenza illi Helen Vella subiet feriti gravi kaġun ta' din l-aggressjoni. In oltre il-ġiżirana li kienet liebsa kienet tiswa il-fuq minn mitejn tnejn u tletin Euro punt erbgħa u desgħin ċentezmu (€232.94).

Illi meta l-akkużat ġie mitkellem fit-22 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) dwar dawn is-serqiet kollha hu kkonferma li hu biss isuq din il-vettura u ma kien sellifha lil ħadd fid-dati u fil-ħinijiet tal-inċidenti u għaldaqstant irriżulta li l-akkużat kien is-sewwieq tal-vettura li ntużat u li b'hekk kien involut fis-serqiet in kwistjoni.

Illi b'għemilu Joseph Xuereb sar ħati bħala ko-awtur talli bejn il-15 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u l-21 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa Tas-Sliema, Gżira u Ħal-Tarxien, fil-ħinijiet ta' filgħodu (bejn id-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am) u l-ħdax u kwart ta' filgħodu (11:15am), b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni ta' liġi, u jkunu magħmula b'riżoluzzjoni waħda ikkometta serq aggravat bil-valur li jiskorri mitejn tnejn u tletin Euro punt erbgħa u desgħin ċentezmu (€232.94) u fil-każ tal-21 ta' Settembru 2012 aggravat ukoll bil-vjolenza (ferita gravissima fuq il-persuna ta' Helen Vella), b'dana illi din il-vjolenza ġiet diretta kontra persuna ta' l-fuq minn sittin sena (60).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Xuereb u mogħtija bejn is-sena 1988 u l-4 ta' Marzu 2011, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati fosthom ħafna minnhom ta' serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil Joseph Xuereb, reċidiv f'dellitt, ħati bħala ko-awtur talli bejn il-15 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u l-21 ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa Tas-Sliema, Gżira u Ħal-Tarxien, fil-ħinijiet ta' filgħodu (bejn id-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30am) u l-ħdax u kwart ta' filgħodu (11:15am), b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni ta' liġi, u jkunu magħmula b'riżoluzzjoni waħda ikkometta serq aggravat bil-valur li jiskorri mitejn tnejn u tletin Euro punt erbgħa u desgħin ċentezmu (€232.94) u fil-każ tal-21 ta' Settembru 2012 aggravat ukoll bil-vjolenza (ferita gravissima fuq il-persuna ta' Helen Vella), b'dana illi din il-vjolenza ġiet diretta kontra persuna ta' l-fuq minn sittin sena (60); talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannati għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn erba snin (4) u mhux aktar minn tletin sena (30), liema piena m'għandiex tingħata fil-minimum tagħha u b'żieda tal-piena ta' rekluzjoni għal mhux aktar minn tnax il-perijodu jew biż-żieda ta' pieni oħra stabbiliti fir-regolament tal-ħabs skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(c), 262(1)(a),(2), 267, 274(a), 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3), 17, 18, 20, 23, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

U peress illi l-imsemmi Joseph Xuereb kiser il-kundizzjoni imposta fuqu bis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Xuereb datata l-14 ta' Marzu tas-sena elfejn u ħdax (2011) u dan billi kkometta reat/i volontarji li għalihom hemm ikkontemplat il-piena ta' priġunerija, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża (tmintax–il xahar priġunerija sospiżi għall-perijodu ta' sentejn snin) ai termini tal-artiklu 28A tal-kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali talab ir-riattivazzjoni tas-sentenza sospiża billi jiġi applikat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali (Kap 9).

Semghet il-provi

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari ta'l-Att ta'l-Akkuza ghandu johrog illi Joseph Xuereb jinsab akkuzat bhala ko-awtur fir-reat ta' serq imsejjah komunament bhala *snatch and grab*, fejn hemm indikat illi l-involviment ta'l-akkuzat huwa marbut ma' tlett serqiet separati ghalkemm l-akkuza hija wahda u unika. Illi l-involviment partikolari ta'l-akkuzat mhux biss rikonoxxut izda ukoll formalment iddikjarat mill-Avukat Generali li irrediga l-Att ta'l-Akkuza kif spjegat fil-parti narrattiva ta'l-istess, ma kenitx ta'l-aggressur li fizikament ikkometta is-serqa minn fuq it-tlett anzjani, izda hemm definit l-invovliment tieghu meta jinghad illi l-aggressur harab minn fuq il-post tar-reat meta rikeb fuq in-naha tal-passiggier f'vettura tal-ghamla Peugeot 405 kulur blu appartenenti lill-akkuzat, biex b'hekk jimplika l-Avukat Generali illi kien l-akkuzat li kien qed isuq din il-vettura u allura jishaq illi huwa kien ko-awtur mal-aggressur fil-kummissjoni ta' dawn it-tlett serqiet kif inghad.

Issa sabiex l-akkuzat jista' jinstab hati bhala ko-awtur f'dawn id-delitti irid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu ma'l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat izda u fuq kollox illi huwa ippresta il-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi irid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn dawn it-tnejn minn nies ai fini li jigi kommess is-serq mertu tal-kaz. Mankanti dina l-intenzjoni u cioe' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi irid jigi ippruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[1]"

Dak allura illi irid johrog mill-atti probatorji mhuwiex biss l-att materjal li jindika il-presenza fizika ta'l-akkuzat fuq il-post tad-delitt ghaliex dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', izda ukoll irid jirizulta illi huwa ikun ha sehem attiv fil-

[1] App.Krim 24/05/2002 Il-Pulizija vs Carmelo Agius et.

kummissjoni tar-reat u ukoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "*common design*" bejn l-aggressur u l-akkuzat u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ukoll il-fatt materjali wahdu li persuna tkun ghenet biss fil-kummissjoni tad-delitt ghalhekk ma jistax iwassal ghal figura tal-ko-awtur, izda ghal dak tal-komplici billi kif inghad l-ko-awtur irid necessarjament ikun ha sehem atttiv fil-kummissjoni tad-delitt u mhux semplicement offra l-ghajnuna tieghu fil-preparazzjoni ghal kummissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-ezekuzzjoni tad-delitt jirnexxi.

Ikkunsidrat,

Illi kif inghad ghalkemm dan il-kaz jikkoncerna tlett serqiet minn fuq nisa anzjani, madanakollu l-Att ta'l-Akkuza tigborhom f'kap uniku fejn l-akkuzat qed jigi addebita bir-reat kontinwat tas-serq aggravat bil-valur u bil-vjolenza diretta kontra persuna ta' 'il fuq minn sittin sena. Illi madanakollu din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha ser titratta dawn it-tlett vicendi b'mod separat u dan sabiex jigi stabbilit jekk giex ippruvat il-partecipazzjoni ta'l-akkuzat fil-kummissjoni taghhom, ghalkemm il-pulizija donnha itrattat dawn it-tlett serqiet f'investigazzjoni wahda biex b'hekk l-akkuzat tressaq akkuzat f'nifs wiehed bir-reat tas-serq. Dan wassal lill-Prosekuzzjoni ghalhekk biex malament qieset il-provi li kienu jirrizultaw minn serqa wahda bhala validi ukoll ghas-serqiet l-ohra. Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar il-mertu jidher illi l-prova li wasslet sabiex l-akkuzat odjern jiffaccja l-Att ta'l-Akkuza mertu ta' dan il-kaz kien il-fatt illi l-vettura appartenenti lilu u li hu stess, fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, jistqarr li isuqha hu biss, allegatament kienet prezenti fuq ix-xena ta' zewg serqiet u cioe' is-serqa li sehhet gewwa Triq Parisio f'Tas-Sliema fil-15 ta' Settembru 2012 u dik li sehhet ftit granet wara gewwa Hal Tarxien fi Triq Lorenzo Gonzi fil-21 ta' Settembru 2012 biex b'hekk nibet is-suspett illi l-akkuzat seta' kien kompartecipi fil-kummissjoni ta' dawn ir-reati. Dan ifisser allura li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha kollu fuq provi indizzjarji billi ma hemm l-ebda prova diretta li torbot lill-akkuzat ma' dawn id-delitti.

Illi l-investigazzjoni tal-pulizija fil-fatt skattat hekk kif dahal ir-rapport ta'l-ewwel serqa li sehhet fil-15 ta' Settembru 2012 fuq mara anzjana ta' tmenin sena, certu Maria Carmela Zarb, gewwa Triq Parisio f' Tas-Sliema ghal habta tad-9:30 a.m. u dan meta dina l-anzjana kienet qed titftah il-bieb ta' barra tar-residenza taghha. Jidher illi l-malvivent, li ma kienx l-akkuzat, kellimha fejn hekk kif dawwret wiccha dan hatfilha il-gizirana li kellha m'ghonqha u harab jigri minn fuq il-post. Meta l-anzjana bdiet tghajjat ghall-ghajjut mar jassistieha certu Vincent Cordina li hareg f'dak il-hin mill-hanut tieghu li jinsab ftit 'il boghod, fejn osserva ragel fil-boghod jirkeb vettura tal-ghamla Peugeot lewn blu li telqghet minn fuq il-post. Huwa cempel lill-pulizija u gharrafhom b'dan il-fatt. Issa mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jidher illi dan Cordina kien indika lill-pulizija tad-distrett ta' Tas-Sliema li wasslu fuq il-post, in-numru ta' registrazzjoni ta' din il-vettura. Madanakollu fuq dan il-fatt jidher illi hemm kunflitt shih fil-provi prodotti. Dan qed jinghad ghaliex Vincent Cordina jaghti diversi verzjonijiet kunfliggenti dwar dan il-fatt. Ibda biex meta mitkellem mill-pulizija *a tempo vergine* ighidilhom illi in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura kien IAT601. Mhuwiex car jekk dan in-numru rahx b'ghajnejh jew inkella ghaddewhulux xi nies ohra li kienu fuq il-post billi fix-xhieda tieghu huwa jaghti diversi verzjonijiet u allura meta fil-kumpilazzjoni huwa ighid li ma ra xejn izda l-informazzjoni li ghadda lill-pulizija kienet dik li giet mghoddija lilu minn nies li kien hemm fuq il-post, meta imbaghad jixhed quddiem din il-Qorti huwa ighid illi fil-fatt kien hu li ra lill-aggressur jirkeb fil-vettura u jitlaq minn fuq il-post ghalkemm ma jafx jindika in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura u isemmi zewg numri li dehrlu li ra u cioe' 8 u 1. Illi l-pulizija tad-distrett jinvestigaw dan in-numru moghti lilhom *a tempo vergine* minn dan Cordina u cioe' l-IAT601. Hawn ukoll johorgu certu divergenzi u inezatezzi, ghaliex ghalkemm fil-PIRS report redatt minn PS455 Emmanel Sammut jidher illi *"from further investigations which were carried out by the div.police, it resulted that the number which Cordina gave the police belongs to a Van Bedford Astra which is registered as scrap vehicle on the 06/10/2008"*, fix-xhieda tal-kuntistabbli 376 Andrew Grech mill-ghassa ta' Tas-Sliema li kien qieghed jinvestiga mas-surgent Sammut minn naha tad-distrett, huwa ighid illi dan in-*number plate*

irrizultalhom li kien misruq. Biex l-provi iktar isiru konfuzjonarji imbaghad, l-Ispettur Tony Cachia li kien ufficjal investigattiv u prosekutur f'dan il-kaz kemm fix-xhieda tieghu fl-istruttorja kif ukoll meta jixhed quddiem din il-Qorti ighid illi n-numru ta' registrazzjoni mghoddi lilu minn dan ix-xhud okulari u cioe' minn Vincent Cordina kien IAT687 u li hu beda l-investigazzjonijiet tieghu fuq dan in-numru fejn wara li irrizultalu li ma kienx jezisti, ghamel ricerka tal-vetturi kollha tal-ghamla Peugoet 405 li n-numru ta' registrazzjoni taghhom jibdew bl-ittri IAT fejn irriskontra zewg vetturi ta' din l-ghamla li kienu IAT681 u IAT685 fejn allura elimina dak bin-numru 685 billi dehrlu illi n-numru sebgha seta' iktar facilment jigi imfixkel bin-numru 1 u allura wasal ghal persuna ta'l-akkuzat odjern. Abbinat ma' dan jidher illi minn fuq il-post gew elevati zewg filmati mehuda minn cameras CCTV wiehed elevat mis-surgent 453 Brian Cassar stazzjonat fis-sezzjoni tal-Forensika tal-pulizija u dan minn dar residenzjali gewwa Triq Parisio f'Tas-Sliema u iehor li ma jirrizultax min elevah minn gewwa restaurant bl-isem 'Millenium Turkish' gewwa ix-Xatt ta' tas-Sliema fejn ghalkemm is-surgent Cassar ighid illi kien hu li ipprintja l-istills esebieti in atti bhala Dokument BC1, madanakollu ma kienx hu li eleva dan il-filmat u dawn gew mghoddija lilu permezz ta' e-mail minn ghand l-Ispettur Tony Cachia. Minn min  u kif ingabar il-filmat minn dan l-istabbiliment ma jirrizultax mill-provi. Il-filmati madanakollu ma jigux esebieti mill-Prosekuzzjoni tul il-gbir tal-kumpilazzjoni biex b'hekk l-ahjar prova in konnessjoni ma'l-istills esebieti marbuta ma' din is-serqa ma tinsabx fl-atti.

Issa minn ezami tat-tlett stills esebieti bhala Dokument TC12 tidher persuna tas-sess maskili bi ftit xaghar libes t-shirt abjad b'bicca komma u bermuda iddisinjat qieghed jigri. Fl-istills esebieti bhala Dokument BC1, imbaghad, li igibu id-data tas-16 ta' Settemrbu 2012 u mhux tad-data tas-sinistru mertu tal-kaz, tidher mara anzjana fl-ewwel ghaxar stills u fl-ohrajn jidher ragel li jixxiebah hafna mal-persuna li tidher fl-istills l-ohra liebes l-istess hwejjeg, l-ewwel miexi fid-direzzjoni 'il fejn tidher miexja l-anzjana u fl-ahhar disa' ritratti jidher sejjer mghaggel fid-direzzjoni l-opposta issa liebes beritta f'rasu u idur mal-kantuniera. F'dawn ir-ritratti ma tidher l-ebda vettura. U allura l-uniku evidenza f'din l-ewwel serqa, li titkellem dwar il-presenza

ta' xi vettura hija x-xhieda ta' Vincent Cordina li ghalkemm isemmi vettura tal-ghamla Peugeot lewn blu li rikeb fiha bhala passiggier dan il-malvivent li mhuwiex l-akkuzat, madanakollu ma huwiex car x'numru ta' registrazzjoni kellha dina l-vettura. Issa meta l-ispettur Tony Cachia jeleva il-vettura tal-akkuzat fejn din tigi mizmuma gewwa s-CID yard, dan ix-xhud Cordina jidentifika din il-vettura bhala l-istess wahda li ra lill-aggressur jirkeb fiha. Ighid izda li din gharafha ghax kienet l-uniku Peugeot blu li kien hemm fis-CID yard u ukoll minn gverta bajda li ighid li ra fuq in-naha ta' wara tal-vettura li osservaha ukoll dak in-nhar tas-sinistru. Mir-ritratti mehuda ta' din il-vettura gewwa c-CID yard u esebieti bhala Dokument TC10, jidher illi fil-fatt fuq in-naha ta' wara tal-vettura hemm gverta orangjo u mhux bajda kif jallega dan Cordina. Hadd mix-xhieda ma jindika illi l-akkuzat kien prezenti dak in-nhar fuq ix-xena jew li rawh bil-qieghda fil-karozza.

Illi fir-rigward tat-tieni serqa li sehhet fl-istess jum gewwa Triq Hilderbrand Oakes fil-Gzira ftit tal-hin wara, jidher illi gie uzat l-istess *modus operandi*. L-anzjana f'dan il-kaz Maria Abela tirrakonta illi hija kienet qed tiftah il-bieb ta' barra tar-residenza taghha meta giet avvicinata minn wara minn ragel li qalilha xi diskors u hekk kif daret dan hatfilha il-gizirana li kellha ma' ghonqha u telaq jigri. Xhud okulari ghal dan l-incident kien certu Raymond Spiteri li kien fuq il-bejt tar-residenza tieghu gewwa Rue d'Argens u li f'dak il-hin ghalhekk kellu vizwali tajba tax-xena li kienet qed tigri tahtu. Jirrakonta bil-preciz dak li ra u cioe' lill-gara tieghu tiftah il-bieb tad-dar taghha, ragel javvicinaha minn wara, imissilha spallitha, din iddur, dan ir-ragel ighamlilha xi haga u jitlaq 'il fuq bil-mixi u jdur mal-kantuniera. Minn hawn huwa jitlilfu mill-vizwali tieghu. Ighid illi wara ftit tal-hin gew il-pulizija fuq il-post u irrakontalhom dak li ra kif ukoll jaghti deskrizzjoni tal-malvivent bhala ragel ta' madwar erbghin sena, xagharu imqaxxra, liebes flok "singlet", minghajr kmiem u bermuda blu, liema deskrizzjoni ta'hwejjeg allura ma taqbilx mal-hwejjeg li jidhru fis-serqa ta' Tas-Sliema. F'din it-tieni serqa l-ebda xhud ma jindika illi kien hemm xi vettura fuq il-post li kienet involuta fis-sekwenza tal-fatti kif sehhew. Filmati minn xi CCTV f'din is-serqa ma kienx hemm.

Fit-tielet serqa dik li sehhet gewwa Hal Tarxien ftit tal-jiem wara u cioe' fil-21 ta' Settembru, kienet involuta anzjana ohra, certu Helen Vella, li din id-darba sofriet xi griehi fl-incident konsistenti fi ksur fil-polz ta' idha il-leminija. Ukoll f'din is-serqa intuza l-istess *modus operandi* bl-anzjana titqacctilha il-gizirana minn ghonqha mill-malvivent li javvicinaha minn wara hekk kif hi tkun qed thabbat il-bieb ta' barra tar-residenza ta' bintha. Ghalkemm din l-anzjana taghti deskrizzjoni tal-malvivent u ta' dak li sehh, madanakollu tirrakonta illi hija la semghet u lanqas rat vetturi fil-vicinanzi u li wara li sehh l-akkadut il-malvivent telqa' jigri 'il fuq fit-triq u ma ratx fejn mar. Madanakollu f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni tezebixxi set ta' stills ohra li gew estratti minn PC453 Brian Cassar minn filmat mehud minn tlett cameras ta' residenza li tinsab gewwa Triq Lorenzo Gonzi f'Hal Tarxien fejn tidher vettura blu bhal dik ta'l-akkuzat. F'dan il-kaz ukoll il-filmat qatt ma jigi esebiet mill-Prosekuzzjoni tul il-kumpilazzjoni u allura il-Qorti necessarjament trid tistrieh fuq l-istills esebieti minghajr ma tista' issegwi is-sekwenza tal-fatti kif sehhew. Dan qed jinghad billi l-hin li jidher bejn 'still' u ohra kultant jabqez bosta sekondi biex b'hekk allura ma hemmx kontinwita' fl-azzjonijiet u l-movimenti li jidhru fihom. Per ezempju bejn ir-ritratt immarkat bin-numru 3 u dak immarkat bin-numru 2 mehuda mit-tieni camera hemm differenza ta' ghaxar sekondi. Fl-ewwel ritratt immarkat bin-numru 3 li jindika il-hin ta' 10:18:06 tidher vettura blu wieqfa fil-boghod bil-bieba miftuha. Imbaghad fit-tieni ritratt bil-hin 10:18:16 tidher vettura blu li x'aktarx hija l-istess wahda li iccaqalqghet xi ftit mill-post fejn tidher fir-ritratt ta' qabel u persuna hdejn trukk kbir bil-bricks li huwa wieqaf fil-vicin. Fir-ritratti bin-numri 4, 5, 6, 7 u 14 tidher vettura blu ghaddejja fit-triq b'xi haga qisu kulur orangjo fuq in-naha ta' wara taghha fejn jinqabdu fuq il-camera l-ittri tat-tarka ta' registrazzjoni tal-vettura li huma l-ittri IAT izda in-numri ma humiex identifikabbli. Dawn igibu il-hin 10:18:26 sa 10:18:28. Fir-ritratti li isegwu li ikopru il-hin bejn 10:18:37 u 10:19:09 jidher ragel miexi fit-triq fejn fir-ritratti bin-numri 12, 11, 15 u 13 tidher is-sekwenza tal-fatti kif graw meta l-anzjana giet aggredita. F'dawn ir-ritratti il-vettura blu ma tidhirx iktar. Fl-ahhar ritratt tidher vettura gejja iddur mal-kantuniera izda l-malvivent ma jidhirx jirkeb go fiha.

Illi dawn huma l-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, provi li din il-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq li huma provi kemmxejn fjakki li ma jissodisfawx il-vot tal-ligi sabiex tigi stabbilita ir-reita' fil-persuna ta'l-akkuzat. Dan ghaliex:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli….* U dan fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali[2]. Izda ukoll:

*L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skondil-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[3]"*

Affermati dawn il-principji legali u maghmula esposizzjoni tal-provi li hemm fl-atti, huwa bil-wisq evidenti illi l-provi indizzjarji li tressaq il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz

[2] "Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova laktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti"

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri – 05/07/2002 App.Sup.

ma humiex unovici. Altrocche'! Huma provi ibbazati kollha kemm huma fuq kongetturi u supposizzjonijiet ta' dak li seta' sehh fit-tlett serqiet mertu ta' dan il-kaz. L-akkuzat fit-tlett stqarrijiet rilaxxjati minnu lill-pulizija ma iwiegeb ghall-ebda domanda maghmula lilu. L-uniku affermazzjoni li jaghmel huwa li il-vettura tal-ghamla Peugoet 405 ta' lewn blu bin-numru ta' registrazzjoni IAT 681 tappartjeni lilu u li hu biss isuqha. Jafferma ukoll illi kien hemm okkazzjonijiet fejn ghadda minn xi toroq f' Tas-Sliema billi imur iwassal lill-mara tieghu ghax-xoghol. Issa ibda biex fir-rigward tas-serqa li sehhet gewwa il-Gzira ma hemm l-ebda indizju li jindika il-presenza tal-vettura ta'l-akkuzat fuq il-post tar-reat. Ma hemm l-ebda indizju iehor li remotament jorbot lill-akkuzat ma' dina is-serqa hlief li din sehhet ftit tal-hin wara li sehhet is-serqa f'Tas-Sliema, fatt li jista' iwassal biss ghal kongetturi u supposizzjonijiet izda mhux ghal xi fatt ippruvat.

Illi imbaghad fir-rigward tas-serqa li sehhet gewwa tas-Sliema l-uniku xhud okulari li seta' jixhet xi dawl fuq l-akkadut u cioe' Vincent Cordina tant jaghti verzjonijiet kontrastanti illi huwa ferm perikoluz ghal Qorti illi tistrieh fuq informazzjoni moghtija minnu li ma huwiex car jekk jirrizultax minn prova diretta u cioe' minn dak li osserva u ra hu jew inkella fuq xi haga li irrakkontalu haddiehor. Anke in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li huwa ighid li ra fuq ix-xena ma jaqbilx ma' dak moghti minnu imbaghad lill-ispettur Tony Cachia u lanqas huwa car jekk dak in-numru rahx hu b'ghajnejh jew inkella gabarx l-informazzjoni minn ghand terzi. Illi lanqas ma tista' il-Qorti tistrieh fuq l-identifikazzjoni minnu maghmula tal-vettura gewwa s-CID yard billi anke din mhijiex prova b'sahhitha tenut kont tal-fatt illi ighid illi gharaf il-vettura ghax dik kienet l-uniku vettura Peugeot blu li kien hemm, oltre ghal fatt illi jibqa' isostni illi l-vettura li ra dak in-nhar ta'l-incident kellha gverta bajda fuq wara u mhux dik orangjo li tidher fil-vettura tal-akkuzat li giet iffotografata mill-pulizija. Fl-istills esebieti in konnessjoni ma' din is-serqa, imbaghad, l-ebda vettura blu ma tidher fil-vicinanzi oltre ghal fatt illi fir-rigward tal-istills esebieti bhala Dokument BC1 dawn jindikaw id-data tas-16 ta' Settembru 2012 u mhux id-data ta'l-incident. Raguni ghal din id-diskrepanza ma tinghatax.

Finalment fir-rigward tas-serqa li sehhet fuq Helen Vella gewwa Hal Tarxien anke hawnhekk il-provi indizzjarji huma kemmxejn fjakki. Dan ghaliex fl-ewwel lok billi l-filmat tac-CCTV qatt ma gie esebiet, din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' tezamina s-sekwenza tal-fatti kif sehhew u allura dak li jidher fl-istills esebieti ta' dan l-incident ma jistghux jissostitwixxu dak li jidher fil-filmat u dan ghaliex ma hemmx sekwenza sekonda wara sekonda ta' dak li sehh. Kwindi din il-Qorti qatt ma tista tasal biex tikkonkludi illi l-vettura il-blu li tidher fil-filmat hija l-istess wahda ta'l-akkuzat billi n-numru ta' registrazzjoni ma huwiex car. Ma huwiex car lanqas jekk il-malvivent nizilx minn din il-vettura. Di piu' ma jirrizultax illi wara l-akkadut il-malvivent rega' rikeb f'din il-vettura sabiex harab minn fuq il-post. Jibqa' ma jigix stabbilit fejn mar il-malvivent wara l-kummissjoni tar-reat.

Illi anke jekk ghal grazzja ta'l-argument din il-Qorti kellha temmen illi l-vettura ta'l-akkuzat kienet verament prezenti fuq ix-xena taz-zewg delitti li sehhew gewwa Tas-Sliema u Hal Tarxien (u dan billi, kif inghad, ma giex stabbilit il-presenza taghha fis-serqa li sehhet il-Gzira), u anke jekk ukoll *gratia argomenti* biss din il-Qorti kellha temmen illi l-akkuzat kien prezenti f'dik il-vettura u kien is-sewwieq taghha xortawahda il-provi huma mankanti fl-iktar element importanti sabiex tigi stabbilita htija fil-persuna ta'l-akkuzat. Minn fejn jirrizulta ippruvat il-ftehim pre-ordinat bejn l-akkuzat u l-malvivent li baqa' injot? Zgur mhux mill-kliem imfesfes f'widnejn l-Ispettur Tony Cachia mill-akkuzat fil-kuridur tad-Depot qabel ma jitresaaq il-Qorti u li lanqas ma jista' jittiehed bhala xi prova skont il-ligi. Tonqos ghalhekk il-prova regina f'dan il-kaz u cioe' il-prova li kien jezisti 'l hekk imsejjah *common design* bejn l-akkuzat u l-aggressur sabiex jigu kommessi d-delitti mertu tal-kaz. Jerga' jigi ribadit illi l-presenza wahedha ta'l-akkuzat fuq ix-xena tad-delitt ma tista' qatt twassal lil din il-Qorti sabiex tkun moralment konvinta illi huwa kien fassal pjan ta' azzjoni mal-aggressur sabiex jigu kommessi dawn id-delitti. Ghalkemm il-Qorti tista' tasal ghal xi kongetturi jew supposizzjonijiet minn dak li hemm fl-atti, kif wasslet ghalihom ukoll il-Prosekuzzjoni, certament dawn qatt ma jistghu b'xi mod iwasslu ghal kundanna ta' persuna skont il-ligi – ligi li tistabilixxi regoli cari li ghandhom jigu osservati skrupolozament u li abbazi taghhom tista tigi stabbilita ir-reita'. Regoli

li ma isibux applikazzjoni ghal provi kemmxejn fjakki li ingibu mill-Prosekuzzjoni taht il-lenti tal-Qorti f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant ghal motivi kollha hawn fuq esposti l-Qorti qed tillibera lill-akkuzat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu fl-uniku kap fl-Att ta'l-Akkuza bin-numru 6/2015 u dan fuq nuqqas ta' provi.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur